MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2009

Numru. 652/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian J. Abdilla)**
**vs**
**Marvic Lewis**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Marvic Lewis** ta’ 24 sena, bint Salvinu u Josephine *nee’* Zammit, imwielda Pieta nhar il-5 ta’ Lulju 1980 u residenti 71, Dar is-Sliem, Triq tal-Hlas, Qormi detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 329380M;

Talli f’dawn il-Gzejjer fix-xahar ta’ Marzu 2005 u fi granet u x-xhur ta’ qabel iffalsifikjat cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiejed jista jirceivi bihom hlas jew jiehu ordni ta’ kunsinna ta’ l-oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew

minn bank jew stabilliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi atti pubblici tal-Gvern;

Talli xjentement ghamilt uzu minn cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra falsifikati, imsemmija fl-imputazzjoni ta' qabel;

B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi urejt haga b'ohra sabiex igieghel tiwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta; krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh b'qerq ta' anqas minn Lm100 ghad-dannu ta' Paolo Bonnici Limited.

Rat il-kunsens tal-avukat generali tas-26 ta' Lulju 2005 sabiex il-kaz kontra l-imputata ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja u nuqqas ta' oggezzjoni taghha ghal din il-procedura;

Semghet il-provi;

Semghet ukoll l-ammissjoni tal-imputata, kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-aprte civile li kienet debitament rizarcita mill-imputata;

Stante ammissjoni, l-Qorti tqis l-akkuzi pruvati u qed issib lill-imputata hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghha;

Rat l-artikoli 167, 170(2) u 308 tal-Kap 9;

Rat il-feduna penali tal-imputata u tenut kont li hija "first offender", tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat fi zmien sena (1) mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti fissret lill-imputata l-obbligi taghha naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------